MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2011

Numru 1223/2011

**Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs**
**Adrian Caruana**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Adrian Caruana ta’ 32 sena, iben Charles Anthony u Theresa nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’ nhar il-25 ta’ Marzu 1979, residenti gewwa 23, Wistani, Triq Dun Gwann Farrugia, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 176179(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-28 ta’ Ottubru 2011, f’xi hin matul il-gurnata, minn gewwa l-Air Malta Cargo System, Courier Warehouse li tinsab fit-terminal l-antik ta’ l-Ajruport Internazzjonali, Hal

Luqa ikkommettew serq ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna u dan ghad-detriment ta' Haider Ayaz mill-Ingilterra, Michael Mangion minn San Pawl il-Bahar u/jew persuna jew persuni ohra;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-5 ta' Novembru 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjoni u kkunsidrat ukoll l-fatt li r-res furtiva giet ritornata u li l-imputat ghandu fedina penali netta u fic-cirkostanzi ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268(a) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat Adrian Caruana hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tliet(3) snin millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------